# Ix-xiri online u d-drittijiet tagħna bħala konsumaturi



CLAIRE MICALLEF
Uffiċjal għall-Informazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur



Minħabba s-sitwazzjoni li ninsabu fiha, ħafna konsumaturi qed jagħmlu aktar użu mix-xiri online meta jkollhom bżonn jixtru ċertu prodotti. Minbarra li meta jagħżlu li jixtru b'dan il-mod, il-konsumaturi jkollhom għażla ikbar ta' prodotti, prezzijiet u offerti, il-konsumaturi jistgħu wkoll jagħmlu dan ix-xiri mill-kumdità ta' darhom.

Bejjiegħa online għandhom l-istess obbligi legali li għandhom bejjiegħa li joperaw minn ġewwa l-ħwienet b'mod fiżiku. Barra minn hekk, hemm ukoll responsabbiltajiet li joħorġu mir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, liema liġi tipproteġi d-drittijiet tal-konsumaturi meta dawn jixtru prodotti online jew permezz ta' bejgħ ieħor li jsir permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni.

Meta jixtri b'dan il-mod, il-konsumatur għandu dejjem jiġi pprovdut b'informazzjoni ċara u speċifika dwar il-prodott li se jixtri u għandu wkoll jingħata informazzjoni dwar il-bejjiegħ. Din l-informazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-karatteristiċi tal-prodott offrut għall-bejgħ u l-isem u l-indirizz sħiħ tal-bejjiegħ. Il-konsumatur għandu d-dritt li jkun infurmat ukoll bil-prezz finali tal-oġġett li jkun se jixtri. Informazzjoni oħra importanti li għandha tingħata lill-konsumatur hi dik dwar id-dritt tal-kanċellament. Konsumaturi Ewropej għandhom erbatax-il ġurnata (14) li matulhom dawn jistgħu jikkanċellaw l-ordni tagħhom mingħajr ma jħallsu penali u mingħajr l-obbligu li jagħtu raġuni għalfejn iddeċidew li jikkanċellaw ix-xiri. L-14-il ġurnata jibdew jgħoddu minn meta l-konsumatur jirċievi l-prodott, u f'każ ta' servizz, minn meta jiġi ffirmat il-kuntratt tax-xiri. Jekk il-konsumatur ma jkunx infurmat b'dan id-dritt, dan il-perjodu jiġi estiż għal tnax-il xahar (12) jew inkella l-14-il ġurnata jibdew jgħoddu minn meta l-bejjiegħ jinforma lill-konsumatur bid-dritt li għandu. Id-dritt għall-kanċellament tax-xiri japplika biss meta konsumaturi nixtru mingħand bejjiegħ professjonali u mhux mingħand individwu.

Meta l-konsumatur jagħżel li juża' dan il-perjodu ta' rtirar, il-bejjiegħ hu obbligat li jagħti l-flus lura lill-konsumatur fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta dan ikun ġie infurmat bit-tali deċiżjoni. Il-bejjiegħ għandu d-dritt li jitlob prova mingħand il-konsumatur li l-prodotti mixtrija ġew mibgħuta lura. L-ispejjeż għall-kunsinna lura għandhom jiġu mħallsa mill-konsumatur. Dan, iżda ma jgħoddx jekk il-konsumatur ma kienx infurmat li l-ispejjeż tar-ritorn irid iħallashom hu. F'dan il-każ, l-ispejjeż ikunu jridu jiġu mħallsa mill-bejjiegħ.

Ħafna konsumaturi Maltin jagħżlu li jixtru online mingħand bejjiegħa li joperaw mir-Renju Unit. Issa li dan il-pajjiż m'għadux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tajjeb li wieħed ikun jaf dwar l-ispejjeż li jkollu jħallas meta jasal il-prodott mixtri. Meta konsumatur jixtri prodotti minn pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE, jaf jiġi mitlub iħallas xi taxxi u spejjeż oħra biex idaħħal il-prodott mixtri fis-suq Malti. Jekk il-valur intrinsiku tal-prodott ikun jaqbeż it-€22, dan ikun soġġet għat-taxxi tal-importazzjoni. Din it-taxxa tiġi kkalkulata bi 18% fuq il-valur tal-prodott. Importanti ħafna li wieħed ikun jaf li mill-1 ta' Lulju 2021, din it-taxxa se tkun applikata wkoll fuq prodotti li jiswew inqas minn €22.

Mill-banda l-oħra, id-dazji doganali (*Customs Duty*) japplikaw biss għall-prodotti li l-valur intrinsiku tagħhom jaqbeż l-€150, bl-eċċezzjoni tat-tabakk, prodotti alkoħoliċi u fwejjaħ. It-taxxi tal-importazzjoni għandhom jitħallsu meta l-prodott ikun ġie impurtat minn pajjiż li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-wieħed li hu. Prodotti mmanifatturati ġewwa r-Renju Unit mhumiex soġġetti għal din it-taxxa, iżda wieħed xorta jkun irid iħallas il-VAT.

Sabiex il-prodotti mixtrija jiġu rilaxxati mid-dwana, wieħed mill-aġenti awtorizzati ġewwa d-dwana jkun mitlub li jissottometti d-dikjarazzjoni elettronika tal-Importazzjoni Doganali u jipprovdi d-dettalji kollha neċessarji dwar in-natura tal-prodott u l-valur tiegħu. Il-konsumaturi jaf jiġu mitluba jħallsu sabiex ir-rappreżentant tad-dwana jkun jista' jirrilaxxa l-merkanzija mid-dwana f'isimhom. Skont l-Ordinanza Doganali, jekk il-formola ma timteliex b'mod preċiż u kif suppost, wieħed jaf jeħel xi penali u/jew sanzjonijiet.

Meta wieħed jiddeċiedi li jixtri prodotti mingħand bejjiegħa li mhumiex parti mill-Unjoni Ewropea, inkluż ir-Renju Unit, u fuq il-prodott ikun hemm imniżżel "*No additional import charges on delivery*", dan ikun ifisser li jkun qed iħallas għall-pustaġġ, it-taxxi u t-taxxi tal-importazzjoni minn qabel. Importanti ħafna li qabel ma wieħed itemm ix-xiri dejjem jaqra t-termini u kundizzjonijiet u l-informazzjoni kollha li jkun hemm dwar il-konsenja sabiex jevita li jkollu jħallas xi tariffi li ma kienx jaf dwarhom. Ta' min wieħed jinnota li għalkemm ir-Renju Unit m'għadux parti mill-Unjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur f'Malta xorta waħda jieħu ilmenti kontra kummerċjanti bbażati f'dan il-pajjiż minħabba li sal-aħħar ta' din is-sena ċ-Ċentru fir-Renju Unit għadu jifforma parti minn dan in-Network.

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta jixtieq javża li bħalissa s-sit elettroniku tiegħu mhuwiex disponibbli u qiegħed jagħmel dak kollu li hu possibbli sabiex jinstab rimedju għal din il-problema teknika fl-iqsar żmien possibbli. Konsumaturi huma mħeġġa jagħmlu l-ilment tagħhom billi jċemplu fuq 21 221901; jibagħtu email fuq l-indirizz elettroniku ecc.malta@mccaa.org.mt; permezz tal-medja soċjali https://www.facebook.com/ECCMalta; jew billi jżuru l-uffiċċju ta' dan iċ-Ċentru li jinsab 47A, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.

*L-informazzjoni f'dan l-artiklu kienet provduta miċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta). L-iskop ta' dan l-artiklu huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali.F'każ ta' lment jew bżonn ta' aktar informazzjoni tista' tikkuntattja liċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) fuq in-numru tat-telefown 21221901. L-Uffiċċju tal-ECC Malta jinsab 47A, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.*